Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

**MINUTI TAS-SEBGHA W TLETIN LAQGHA TAL-KUNSILL**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 24 ta' Gunju 2009 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 8.00pm |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Prezenti** | | | |
| **Skuzat** | **Sindku** | Sur | NORBERT PACE |
| | **Vici-Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| | | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | | Sur | RALPH CASSAR |
| | **Skuzata** | Dr. | MARIA LOUISA GAUCI BALUCI |
| | | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| | **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

1. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**
Il-minuti gew approvati unanimament.

2. **KORRISPONDENZA**

🗁 E-mail minghand is-Sur Anthony Sammut rigward Traffic Calming Measures fi Triq ir-Ruzell. Din it-talba ghandha tigi discussa meta jitnehha l-*enforcement* ta' l-ADT.

🗁 E-mail minghand Christina Drago fuq xi sinjali tar-roti u l-ballun u talbiet ohra relatati ma' Gnien l-Istazzjon. Parti mit-talbiet gew milqugha.

🗁 E-mail minghand is-Sur Norman J. Borg fuq estensjoni ta' bankina. Din it-talba ghandha tigi kkunsidrata.

🗁 Ittra minghand Elizabeth Mallia rigward sponsorship ghall-festa titulari ta' Santa Marija. Is-Sur Stefan Cordina qal li hu kien dejjem favur li ghandha tinghata ghajnuna lill-Parrocca pero' din is-sena ga inghataw bizzejjed ghajnuniet fl-organizazzjoni tal-Family Fun Day, ghotja ta' laptop u projector ghall-uzu tac-Centru Parrokkjali sabiex isiru l-korsijiet tas-Sajf, il-*floodlighting* ta' fuq il-Knisja etc. Is-Sur Spiteri semma wkoll talba ghall-ghajnuna li kellu minghand is-Sinjura Edith Boffa fl-organizazzjoni tas-*Summer School* tal-Parrocca. Is-Sur Pace ghandu jkellem lis-Sinjura Boffa. Ghaldaqstant il-Kunsill iddecieda li t-talba tal-Kummissjoni Fund Raising ma tigix milqugha.

🗁 Ittra minghand il-MEPA rigward fondi disponibbli tal-UIF €44,903.87 u EIPP €140,475. Il-Kunsill ghandu jara kif ha jutilizza dawn il-fondi bl-ahjar mod possibbli. Fost affarijiet ohra is-Sur Cassar semma r-restawr ta' l-*embankment* fi Triq il-Linja. Is-Sur Spiteri qal ukoll li dan il-Leader Project jammonta ghal xi € 90,000 li jrid jigi suddivviz bejn xi tlettax il-Kunsill. Is-Sur Pace qal li mill-fond jista' jittranga wkoll l-orgni tal-Knisja u kif kompla mieghu is-Sur Zammit isir ukoll it-tuzell tal-Knisja. Il-Kunsill ghandu jikkuntatja lis-Sinjura Joan Haber sabiex tinkiseb iktar informazzjoni fuq il-fondi disponnibbli.

2. **RAPPORT TA' HIDMA MIS-SINDKU**

Dan l-item inqabez peress li l-kunsill ma kellux xogholijiet ghaddejjin bhalissa

## 4. LAQGHA MA' L-ADT

Is-Sergretarju Ezekuttiv tat rendikont fuq laqgha li hi kellha mas-Sur David Vassallo bhala tkomplija ma' dik precedenti. Hi qalet li s-Sur Vassallo tenna li jridu jinqalghu is-*sleeping policemen* tal-lakstu li hawn kollha madwar ir-rahal. Hu qal li toroq inqas minn tlett metri huma accettabbli imma l-ADT min-naha taghha, dejjem jekk il-Kunsill jaccetta li jaqlahom, taghmel minflok tlett sleeping policeman tat-tarmak hi. Hi semmiet ukoll li n-*No Entry* tat-toroq Qormi, Salvatur u Gibba lesti li jaccettawhom jekk dawn jitnehhewlhom l-'*except for residents*'. Is-Sur Spiteri qal li dan ma jistax ikun u l-Kunsill fl-opinjoni tieghu m'ghandux joqghod ghall-kollox. Is-Sur Cordina qal li l-Kunsill ghandu jiehu decizjoni u din ghandha tkun finali. Fuq l-istess argument is-Sindku qal li l-Imdina hija kollha residenti biss u ahna qas triq wahda ma jista' jkollna hekk. Is-Sur Spiteri qal li l-Kunsill ghandu jirrispondi li mahniex disposti nnehhu dawn it-tabelli u dana ghaliex il-Kunsill ilu zmien jipprova jippromwovi granet bla karozzi u jnaqqas l-entratura ta' vetturi bla bzonn fil-qalba tar-rahal. Hu qal ukoll li kopja ta' din l-ittra ghandha tintbaghat lill-Onorevoli Chris Said b'kopja lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill ha *ruling* li:

1. ha joggezzjona fuq l-*enforcement* kollu
2. jekk naghmlu li ordnawlna ha tinqala kontroversja man-nies
3. hija *policy* tal-Kunsill li jigu ffavoriti il-*pedestrians/commuters* u mhux il-karozzi kif qed igghalna naghmlu l-ADT.

   Barra minn hekk kompla s-Sur Spiteri dawn kollha huma nvestiment li gie rrekordjat fl-Assi Fissi. Is-Sur Pace qal ukoll li originarjament meta bdew isiru tat-tarmak l-ADT kienet kontrihom bhal meta saret ta' Triq il-Linja. Is-Sur Spiteri qal li dan hu rikatt u l-Kunsill ma jistax joqghod ghaliha.

## 5. BINS GHALL-KLIEB

Il-Kunsill ghandu jikteb lil min ha jissupplixxi dawn il-bins biex jipprovaw jaghmlu xi haga izghar fid-daqs. Is-Sur Zammit rega' tenna li dawn huma hela ghax in-nies ma juzawhomx.

## 6. TRIQ IL-MINGEL KWOTAZZJONI

Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni kwotazzjoni sabiex din it-triq issir *patterned concrete*. L-istima hi ta'€19,000. Il-Kunsill qabel li tintefa' applikazzjoni ghall-fondi mill-UIF.

## 7. PUNTI MQAJJMA

Is-Sur Ralph Cassar ressaq dawn il-punti:

- Triq il-Marg kellha bzonn il-*patching*.
- Il-Kunsill jerga' jibda jahseb min issa sabiex jigu organizzati korsijet ghax-xitwa..
- Gnien il-Palma kellu bzonn tindifa sewwa.
- Fakkar sabiex issir tisqija halli s-sigar ma jmutux f'din is-shana kollha.
- Marg, Istwiel u Imsagar kellhom bzonn kinsa sew.

Is-Sur Mark Spiteri ressaq dawn il-punti:

- Li quddiem Mount Carmel hemm xi trakkijiet jahdmu u qed jahslulhom il-bajli tal-konkos fit-triq.
- Fakkar fit-tnehhija ta' l-arblu li hemm fin-nofs fi Triq Dun Mikiel Xerri
- Ta ideja kif il-Kunsill jista' jnaqqas il-Bulky refuse forsi bl-introduzzjoni ta' xi bye-laws.
- Ressaq fuq il-mejda l-Accounts tal-Kumitat Kongunt tas-sena li ghaddiet..

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dan il-punt:

- Fakkar fuq iz-zbiegh tal-Gazebo fi Gnien Misrah Kola.

Is-Sur John P. Bonnici ressaq dawn il-punti:

- Qal li issa kellu e-mail address li gie komunikat lill-kulhadd u li kulhadd seta' jibghatlu l-korrispondenza fuqu.
- Jitnaddaf il-culvert ta' Triq Hal-Warda
- Li kien hemm ilma hiereg fi Triq ir-Ruzell.
- Jintbaghtu tar-*rodent* minhabba li qed ikun hemm hafna grieden fi Gnien Karm Debono.
- Titnaddaf il-Pjazza u tinhasel minhabba li kien hemm hafna riha ma' genb il-Banka tal-Lottu
- Talab sabiex titnaddaf sew l-Ghajn tal-Bhejjem.

## 10. AGGORNAMENT

Il-laqgħa giet aggornata fit-8.00pm.

________________________ Sindku

____________________ Data